MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 791/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Margaret MIFSUD [ID. Nru. 155865(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-26 ta' Novembru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' sitt mija u tnax-il euro u hamsa u disghin ċenteżmi ta' euro [€612.95c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u tnax-il ewro u hamsa u disghin centezmi (€612.95) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40046072 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok. IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C 40046072 u Dok IZY 3 –

estratt mir-Registru Elettorali, u Dok. IZY 4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet nterpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna, wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-10 ta’ April, 2013, nhar it-8 ta’ Mejju, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-8 ta’ Mejju, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ sitt mija u tnax-il euro u hamsa u disghin ċenteżmi ta’ euro [€612.95c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------